KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 11

**It-Tlieta 21 ta' Jannar 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Maurice Agius – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

# Minuti

## 11.1 Qari tal-Apoloġiji

11.1.1 Is-SE infurmat li kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija, waħda mingħand il-Kunsillier Mallia li kellu kors u oħra mingħand il-Kunsillier Agius li kien marid. Il-Kunsilliera ġew skużati.

11.1.2 Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex il-Kunsill jisma' l-aħħar updates.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 10

11.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 10, li kienu meqjusa moqrija.

11.2.2 Fuq talba tal-Kunsillier JC Borg dwar para. 10.3.6, kien hemm qbil li tiżdied is-sentenza 'L-ismijiet ta' Lisa Zammit u Francesco Tabone għadhom pendenti'.

11.2.3 Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni li għandhom jiddaħħlu l-inizjali JC biex jagħtu riferenza aħjar f'para. 10.5.15 (a) b'riferenza għall-Kunsillier Borg. Il-Kunsill qabel.

11.2.4 Dwar para. 10.2.7 il-Kunsillier Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li l-kunjom Cachia Zammit kellu jaqra Calleja Zammit. Il-Kunsill qabel li ssir l-emenda.

11.2.5 Il-minuti tal-laqgħa numru 10 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 11.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 Is-Sindku informa li kienet intbagħtet kommunikazzjoni lis-SE preċedenti dwar para. 10.3.1 iżda ma kienx għad hemm risposta. Hawnhekk is-SE infurmat li l-kommunikazzjoni kienet intbagħtet pjuttost tard min-naħa tagħha u s-Sur Vella kien talabha kopja tal-ittra imma ma kellhiex ċans tibgħathielu u għaldaqstant ma setgħax jagħti risposta lura.

11.3.2 Fir-rigward ta' para. 10.3.2, is-Sindku informa li l-laqgħa kienet se tinżamm nhar il-Ġimgħa fl-4:30pm.

11.3.3 Fir-rigward ta' para. 10.3.3 kienet intbagħtet l-ittra imma ma kienx hemm risposta lura. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob update dwar il-kwisjoni tal-għassa u li possibbilment nissuġġerixxi biex imqar ikun hemm desk u pulizija fl-għassa proprja sakemm din tinfetaħ lura.

11.3.4 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar para. 10.3.4, is-SE infurmat li għadha ma kellhiex risposta min-naħa tad-DLG biex tibgħat l-avviż.

11.3.5 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Baldacchino Cefai jekk kienx hemm obbligu li jinbidlu l-ismijiet tat-toroq li ssemmew fl-aħħar laqgħa minħabba li kien hemm xi residenti anzjani li ma xtaqux li jinbidel l-isem tat-triq tagħhom. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lir-residenti u ninfurmawhom bil-proposti tal-Kunsill li minħabba li hemm problema bin-numri tad-djar hemm talba għal tibdil tal-isem tat-toroq.

11.3.6 Il-Kunsillier JC Borg informa li huwa kien għadda l-informazzjoni dwar l-ismijiet lill-Kunsillier Baldacchino Cefai u li waqt l-aħħar laqgħa ma kienx hemm qbil dwar żewġ biċċiet toroq żgħar. Hawnhekk huwa ssuġġerixxa li Triq il-Parroċċa tiġi msemmija għal Triq Francesco Tabone minħabba li kien benefattur u għaldaqstant ikun hemm triq bl-isem ta' żewġ benefatturi fuq kull naħa tal-Knisja. Hawnhekk ġie diskuss il-fatt li se nkomplu nkabbru l-problema minħabba r-residenti u l-iskariġġ li jġibu magħhom tibdil ta' isem tat-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibda b'dik it-triq li għandha l-ikbar problema u inkonvenjenza lir-residenti. Il-Kunsilliera Baldacchino Cefai kienet se tieħu ħsieb tivverifika liema kienet dik it-triq li għandha l-ikbar inkonvenjenza bħalissa.

11.3.7 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Chircop dwar para. 10.3.8, is-SE infurmat li kienet se titlob lill-amministrazzjoni biex tikkonferma f'hiex waslet it-talba.

11.3.8 Fir-rigward ta' para. 10.3.15, is-Sindku informa li l-laqgħa mal-kumitat tal-Banda se ssir it-Tnejn li ġej.

11.3.9 Dwar para. 10.3.18, is-SE infurmat li kienet talbet biex tintbagħat ir-rikjesta tal-Kunsill biex jinqaleb it-traffiku bil-kontra.

11.3.10 Fir-rigward ta' para. 10.3.19, is-Sindku informa li ma kellu ebda kommunikazzjoni lura dwar il-każ ta' Triq Achille Ferries ħlief li x-xogħol għandu jibda f'nofs Frar, u li mhux se jitħallew jagħlqu t-triq iżda se jkollhom jaħdmu bi *scaffolding*.

11.3.11 Fir-rigward ta' para. 10.3.20, is-Sindku informa li l-MTA kienu kkonfermaw li se jgħaddu €3,000 bħala sponsorship għat-tiżjin tal-Milied lill-Kunsill.

11.3.12 Rigward para. 10.4.3, is-Sindku talab li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-persuna li offriet id-donazzjoni tal-pjanti għall-anzjani.

11.3.13 Rigward para. 10.5.9, is-Sindku informa li għalkemm kienet saret żjara fuq il-post mill-perit ta' IM, il-problema kienet għadha ma ġietx solvuta. Min-naħa tal-Perit kien informa lir-resident sabiex jagħmel plastic quddiem il-bieb tad-dar sabiex isolvi l-problema tal-ilma tax-xita.

11.3.14 Rigward para. 10.5.13, is-Sindku informa li kienet saret talba lil TM fir-rigward tat-traffic lights fi Triq San Alwiġi.

11.3.15 Għall-mistoqsija dwar para. 10.5.18, is-SE infurmat li kienet se tkellem lill-uffiċjal inkarigat biex jipprepara t-tags.

11.3.16 Is-Sindku informa li kien irċieva email mingħand il-Kunsillier Mallia fejn dan infurmah li sa April ma setax jattendi għal-laqgħat jekk isiru nhar ta' Tlieta jew nhar ta' Ħamis minħabba li se jkun qed jattendi għal kors. Għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li għal dawn it-tlett xhur li ġejjin, il-laqgħa tibda ssir nhar ta' Tnejn flok nhar ta' Tlieta.

11.3.17 Is-Sindku informa li kienet inżammet laqgħa mal-Onorevoli Clifton Grima fir-rigward tal-parkeġġ tal-Iskola Primarja. Kienet se tinżamm ukoll laqgħa oħra fil-ġranet li ġejjin fuq il-post stess fil-preżenza tal-Kap tal-Iskola. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill irid jara kif se jibda jopera dan il-parkeġġ kemm-il darba se jiġi mmaniġġjat mill-Kunsill Lokali.

11.3.18 Hawnhekk waslet il-Viċi Sindku. Il-ħin kien is-7:00pm.

11.3.19 Kien hemm qbil li d-diskussjoni dwar il-parkeġġ għandha ssir wara l-laqgħa fl-iskola meta hu mistenni li jkun hemm aktar informazzjoni.

11.3.20 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċieva l-informazzjoni dwar ir-rimi tal-iskart dwar l-imsida għas-sena 2023 u 2024 fejn il-figuri juru li ma kienx hemm tibdil sinifikanti. Għaldaqstant il-Kunsill għandu bżonn jaħdem aktar fuq din il-materja biex ir-residenti jibdew jirriċiklaw aktar.

11.3.21 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar fhiex wasal il-ftuħ tal-berġa, il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li ma kellhiex informazzjoni ħlief li kellha tiftaħ fil-binja l-ġdida ta' faċċata tal-Kunsill. Min-naħa tagħha infurmat li kienet se tiċċekkja u tgħaddi l-informazzjoni lura lill-Kunsill.

11.3.22 Is-Sindku informa li kienet saret applikazzjoni biex titpoġġa hump fi Triq il-Ħarrub minħabba veloċità żejda. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għaldaqstant se tintbagħat ittra lir-resident li se taffetwa.

11.3.23 Għall-mistoqsija dwar it-timed parking bay quddiem il-kunsill, is-SE infurmat li din ma ġietx approvaa minn TM. Kien hemm qbil li s-SE għandha tkellimhom u tispjegalhom x'inhi x-xewqa tal-Kunsill.

11.3.24 Is-Sindku informa li l-Kunsill flimkien ma' numru ta' kunsilli oħra kien irċieva taħrika dwar l-e-scooters.

11.3.25 Is-SE infurmat li t-tieni sena tal-offerta tal-knis kienet se tiskadi fl-ewwel ta' Marzu u l-Kunsill kellu jiddiskuti jekk dan għandux jiġġedded jew le. Hawnhekk infurmat li hi kienet iltaqgħat darbtejn mal-kuntrattur biex tiġbidlu l-attenzjoni dwar xi problem li mhux jimxu skont il-kuntratt iżda sfortunatament ma kienx hemm tibdil fl-operat. Infurmat ukoll li hi u s-Sindku kienu attendew għal laqgħa ma' Clean Malta bħal ħafna Kunsilli oħra u l-offerta li ngħata l-Kunsill kienet tajba ħafna, tant li bl-allokazzjoni li l-Kunsill jingħata għal kull sena, l-operat kien se jkun bil-wisq ikbar minn dak preżenti. Ġibdet l-attenzjoni wkoll li matul is-sena li għaddiet, dan il-kuntratt tħaddem b'€103,000 aktar mill-ammont mgħoddi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u għaldaqstant kien hemm bżonn li l-Kunsill ma jonfoqx aktar mill-allokazzjoni mgħoddija mill-Gvern. Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika jekk jistax jidħol fi ftehim ġdid ma' Clean Malta u għaldaqstant jagħżel li ma jġeddidx il-kuntratt mal-kuntrattur preżenti. Is-Sindku u s-SE ingħataw il-fakultà li jieħdu ħsieb jagħmlu l-arranġamenti neċessarji f'isem il-Kunsill.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

11.4.1 Għall-mistoqsija mingħand il-Kunsillier Farrugia dwar il-kamra ta' triq il-Karozzin, kien hemm qbil li s-SE għandha tipprova tkellem lis-Sur Sillato.

11.4.2 Għall-mistoqsija mingħand il-Kunsillier Farrugia dwar l-arblu fi Triq Zamenhoff, is-SE infurmat li kienet se tkellem lill-uffiċjal inkarigat.

11.4.3 Il-Kunsillier Farrugia talab lis-SE sabiex tagħti update dwar ix-xogħol fuq ir-rawndebawt ta' Msida Circus. Is-SE infurmat li skont ma kellmitha l-Perit tal-Kunsill, il-pjanta kif sar ix-xogħol fuq din ir-rawndebawt kienet ġiet alterata u għaldaqstant issa l-Periti se jerġa' jkollhom idaħħlu applikazzjoni oħra għal emenda. Sadanittant, hi u l-Kunsillier Farrugia kienu ltaqgħu fuq il-post ma' espert ambjentali u dan kien issuġġerixxa li jagħmel pjan ta' riġenerazzjoni taż-żona mil-lat ambjentali, u li kien jinkludi kemm tneħħija ta' xi siġar invażivi u aljeni kif ukoll it-taħwil ta' għadd ta' siġar oħra iżgħar flimkien ma' arbuxelli, ħwawar u fjuri, fost

oħrajn. Sadanittant, fiż-żona fejn kienet is-substation, kien hemm qbil li setgħet tiġi xi struttura għal outdoor gym u possibbilment xi struttura tal-logħob għat-tfal. Hawnhekk is-SE infurmat li min-naħa tagħha kienet se tagħmel talba lil Project Green sabiex jagħmlu r-riġenerazzjoni ta' din ir-rawndebawt bil-pjan li kien se jgħaddilha l-espert ambjentali. Il-Kunsill qabel.

11.4.4 Il-Kunsillier C. Borg informa li kien irċieva proposta għas-servizz ta' rappurtaġġ fuq il-proġett Sublime. Din kienet ta' €25 fis-siegħa. Il-Kunsill qabel li għandu jingaġġa lil din il-persuna esperta fuq rappurtaġġ ta' proġetti tal-UE.

11.4.5 Il-Kunsillier Chircop irrapporta li nhar is-6 ta' Jannar, hu, is-Sindku u s-SE attendew għal laqgħa dwar l-ewwel Kunsill tat-Tfal għall-Imsida. Dawn kienu infurmaw li kulma hemm bżonn min-naħa tal-Kunsill hija l-board room biex ilaqqgħu lit-tfal.

11.4.6 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Chircop, il-Kunsill qabel li jagħmel talba ma' TM sabiex Triq l-Għajn tal-Ħasselin tiġi fuq direzzjoni unika, toħroġ biss lejn Triq il-Wied, filwaqt li Triq l-Irmiġġ / Triq Dun Andre jiġu dħul biss minn Triq il-Wied, inkluż minn min ikun ġej min-naħa ta' Birkirkara. Dan għaliex bis-sistema tat-traffiku kif ġejja minħabba l-proġett tal-flyover, min ikun ġej minn Birkirkara bilfors ikollu jmur tal-Pietà biex jidħol f'din l-akwata.

11.4.7 Il-Kunsillier Farrugia talab lis-SE sabiex tintbagħat tfakkira lil IM rigward ir-*road markings* fi Triq il-Wied.

11.4.8 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai staqsiet jekk kienx hemm xi aħbar dwar il-ġibjun għaliex għalkemm kien beda jitnaddaf, ix-xogħol kien reġa' waqaf. Is-Sindku informa li l-Ministru kien qal li hemmhekk hemm pjan biex isfel jinbidel f'parkeġġ u fuqu jiġi grawnd tal-futbol.

11.4.9 Il-Kunsillier C. Borg informa li nhar il-Ħamis se jkun hawn laqgħa dwar il-proġett KAMALE u kienet intbagħatet kommunikazzjoni lill-għaqdiet kollha biex jattendu. Jidher li għalissa hemm 8 entitajiet/persuni li kienu interessati jattendu.

11.4.10 Il-Kunsillier JC Borg għadda tifkira li kienet għaddietlu l-Kap tal-Iskola nhar id-19 ta' Diċembru bħala tifkira tal-attività.

11.4.11 Il-Kunsillier JC Borg issuġġerixxa li tittella' attività għall-Karnival billi nieħdu l-banda bħalma sar fil-Milied. L-ispiża kienet ta' €300. Wara diskussjoni u kalkoli għal matul is-sena kien hemm qbil li m'hemmx flus għal din l-attività.

11.4.12 Il-Kunsillier JC Borg informa li bejn l-10 u d-19 ta' April kienet se tinżamm il-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira. Għal dik il-ġimgħa, il-pulizija se tintalab topera mill-uffiċċju ta' fuq.

## 11.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

11.5.1 Is-SE infurmat li kien hemm talba għall-użu tal-klassi u għaldaqstant kienet se titlob donazzjoni għaliha. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

11.5.2 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-offerta relatata mal-proġett ta' Project Green kienet saret oġġezzjoni minn kumpanija private minħabba li dawn qed jikkontendu li l-Kunsill missu ħareġ it-tender by lots minflok bħala kuntratt wieħed.

11.5.3 Sadanittant infurmat li kellha bżonn ta' ismijiet għall-Bord tal-Evalwazzjoni tat-tender ta' Triq Victor Denaro. Tnejn mill-membri kienu se jkunu żewġ rappreżentanti ta' PG filwaqt li t-tlieta l-oħra jkunu mqabbdin mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil li dawn ikunu s-Sindku, is-SE u s-Sur Duncan Hall.

11.5.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet numru ta' talbiet għal pellegrinaġġi u purċissjonijiet. Kien hemm qbil li m'hemmx oġġezzjoni sakemm ikun hemm preżenza ta' uffiċjali tat-traffiku jew pulizija.

11.5.5 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni biex issir laqgħa dwar 6 Bus shelters ġodda li se jsiru fil-lokalità tal-Imsida.

11.5.6 Is-SE talbet permess biex tibgħat għal kwotazzjonijiet għas-servizz ta' avukat fuq bażi ta' *retainer*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm tiġi lura bil-prezzijiet għal deċiżjoni.

11.5.7 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand residenta rigward ħsara li ġarrbet fi Triq Misraħ il-Barrieri wara li kien sar *scarifying* mill-Korporazzjoni Enemalta.

11.5.8 Is-SE infurmat li hi u l-Kunsillier Farrugia kienu se jiltaqgħu mal-Perit dwar numru ta' xogħlijiet li hemm bżonn li jsiru u li l-Kunsill kien se jdaħħal applikazzjoni fuq il-platform tal-Framework tal-Public Works.

## 11.6 Approvazzjoni tal-Performance Bonuses tas-Segretarji Eżekuttivi u l-impjegati

11.6.1 Is-SE preżentat kopja tal-*performance appraisals* tal-iskrivani fejn kien hemm qbil unanimu li dawn jingħataw il-massimu, ċioe, 6%.

11.6.2 Ġie preżentat ukoll il-*performance appraisal* tas-SE preċedenti (Jannar – Novembru) kif ukoll tas-SE preżenti (Novembru u Diċembru) u l-Kunsill qabel li jingħataw l-10%.

11.6.3 Għall-mistoqsija tal-kunsillier Farrugia jekk hux l-impjegati kollha kienu ngħataw *performance bonus*, inkluż tal-Community Work, is-SE infurmat li milli ġiet infurmata kien hemm ħaddiem wieħed, il-handyman, li ma kienx ingħata l-bonus. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li s-SE għandha tikkonferma jekk il-Kunsill għadux jista' jgħaddi bonus lil dan il-ħaddiem għaliex l-appraisal tiegħu ma kinitx għaddiet għand il-Kunsill u min-naħa tagħhom jidhrilhom li huwa kien ħaqqu li jieħu l-bonus.

## 11.7 Approvazzjoni tal-Baġit għas-Sena 2025

11.7.1 Is-SE preżentat kopja tal-baġit għas-sena 2025 u infurmat li l-accountant tal-Kunsill kienet fuq il-linja sabiex tagħti spjega tiegħu, wara eżerċizzju li sar bejniethom biex titqassam l-allokazzjoni u l-fondi li huma maħsuba li se jiġbor il-Kunsill.

11.7.2 Wara li tat spjega tat-tqassim tal-fondi, u infurmat ukoll li minn din is-sena, il-flus tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart kif ukoll tat-tipping fees tal-Wasteserv kienu għaddew direttament lill-Kunsill Reġjonali, l-accountant infurmat li l-Kunsill kien pjanat li jispiċċa s-sena b'deficit

qawwi u għaldaqstant hemm bżonn li joqgħod lura ħafna mill-infiq biex inkun jista' jkompli jopera.

11.7.3 Hija kompliet ukoll li huwa importanti ħafna li l-Kunsill iżomm strettament mal-baġit li ġie preżentat aktar u aktar fid-dawl li hemm bżonn li jibda jfaddal biex ikun jista' juża l-flus imfaddla flimkien mal-fondi tal-UIF biex ikabbar l-uffiċini.

11.7.4 L-accountant fakkret ukoll li minħabba li hemm pjanat li jsir il-proġett ta' Triq Victor Denaro ma' Project Green, il-Kunsill huwa wkoll obbligat li jħallas madwar €100,000 għal dan il-proġett (10% tal-valur tal-proġett kollu).

11.7.5 Il-baġit ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

11.7.6 Hawnhekk ġie preżentat ukoll il-*business plan* għall-ħames snin li ġejjin. Dan ġie wkoll approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 11.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-11), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Baldacchino Cefai proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 11.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8:55pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2025 fil-5pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Il-Kunsill issospenda l-laqgħa temporanjament sabiex jisma' r-rapport mingħand is-Sur Ryan Mercieca. Il-ħin kien il-5:03pm.

Is-Sindku informa li saret laqgħa inizjali filwaqt li se jsiru aktar laqgħat ma' kull entità, l-ewwel tnejn se jkunu fis-6 ta' Frar fl-4:30pm mar-rappreżentanti tal-kazin tal-banda u fit-12 ta' frar fl-4:30pm mar-rappreżentanti tal-armar.

Is-Sur Mercieca informa li kienet saret diskussjoni dwar il-bżonn li jkun hemm pont faccata tal-knisja biex l-istatwa ta' San Ġużepp tibqa' dieħla dritt.

Dwar l-arblu tal-ġostra kienet inġibdet l-attenzjoni u l-Kunsillier JC Borg kien talab li minflok isir barkun a spejjez tagħhom jekk iż-żona tal-arblu mhux se tkun bil-lest. Kien hemm qbil li possibbilment issir laqgħa ma' tal-ġostra.

Kien hemm possibbiltà li jsiru blokok minflok ħofor għall-armar tal-arbli.

Dwar il-ħitan, Is-Sur Mercieca spjega li x-xogħol fuqhom se jieqaf b'mod temporanju biex isiru laqgħat mar-residenti.

Il-Kunsilliera Baldacchino Cefai u Farrugia fakkru li skont il-wegħda ta' IM, fil-parti tax-Xmiexi kellhom jinqalgħu l-balavostri kollha u minflokhom isiru sound breakers.

Is-SE infurmat li dakinhar is-supervisor kien infurmaha li se ssir trinka minn nofs Triq MA Vassalli sa' nofs Triq il-Wied u li x-xogħol kellu jieħu ħamest ijiem.

Dwar l-issue tad-dawl ġie infurmat li hemm *reflectors* imma d-dawl huwa baxx ħafna. Il-Periti kienu infurmaw li se jżidu d-dawl.

Inġibdet l-attenzjoni tas-Sur Mercieca li għalkemm kien sar passaġġ quddiem Sofra, ma kienx hemm fejn wieħed jaqsam b'mod sikur.

Inġibdet l-attenzjoni li t-triq li tgħaddi minn wara l-kiosk biex tmur lejn l-imsida/birkirkara hija perikoluża ħafna għax jiġu l-vetturi fuqek minn warajk. Is-Sur Mercieca se jiġbed l-attenzjoni.

Reġgħet saret talba li jkun hemm post fejn il-BOV biex wieħed idur lejn Birkirkara.

Dwar l-ilment tal-ilma tax-xita, is-Sur Mercieca informa li kienu qaluli li l-ilma m'għattiex l-għoli ta' bejn it-triq u l-barriers.

Min-naħa ta' IM kienu talbu biex il-Webcams li hemm fuq il-bejt iduru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjojni iżda talab li jitranġaw min-naħa tagħhom a spejjeż tagħhom. (https://www.skylinewebcams.com/en/webcam/malta/malta/traffic/traffic-cam14.html u https://www.skylinewebcams.com/en/webcam/malta/malta/traffic/traffic-cam11.html)

Is-Sur Mercieca informa li kienu aċċettaw li jagħmlu xi toroq bil-hot asphalt mil-lista li kienet ġiet sottomessa mill-Kunsill u li kienet tinkludi Triq Antonio Bosio, Triq San Antnin, Triq l-Iskola, Msida Circus, Triq Brockdorff, Triq Bieb it-Torri u Triq San Alwigi.

Il-Kunsillier Farrugia wissa' fuq il-bżonn li jkun hemm aktar dawl u sikurezza għal min ikun għaddej.

Il-Kunsillier Farrugia fakkar ukoll li l-affarijiet li qalgħu suppost se jżommuhomlna. Hemm ħafna affarijiet, bħalma huma railings tal-ħadid, bankijiet, bins, eċċ.

Huwa kompla jgħid li kien innota li l-bankijiet tal-boċċi kienu tkissru u tgħaffġu kollha meta kienu wegħdu lill-Kunsill li se jinżammu.

Il-Kunsillier Chircop informa li kien hemm biċċa tassew perikoluża fi Triq AM Vassallo, eżatt taħt il-pont. Is-Sur Mercieca se jiġbed l-attenzjoni dwarha.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00pm.

******